# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 39

L-Erbgha, 3 ta' Novembru, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 38 li saret nhar il-Hamis, 14 t'Ottubru, 2010 kienu konfermati wara li wara t-tielet paragrafu taht l-item "Parkegg ghall-Membri Parlamentari" jidhol il-kliem "Il-Vici Sindku qal li l-idea li l-parkegg isir hdejn is-Suq ilha li tqajmet u suggerita izda TM baqghet tirrezisti, izda issa ma kienx hemm alternattiva"

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ta' Cardiff ma laqax it-talba tal-Kunsill Lokali tal-belt Valletta dwar il-proposta tal-gemellagg bejn iz-zewgt'ibliet;

- Il-Kunsill ma laqax it-talba tad-Direttur tal-Lifelong Learning ghal parkegg riservat f'North Street hdejn l-iskola ta' Sant Jiermu;

- Il-Kunsill gie nfurmat bl-inizjattiva tal-Moviment Kerygma 'Premju Zaghzugh tas-Sena 2010';

- Il-Kunsill gie nfurmat li fl-20 ta' Novembru hemm il-laqgha tal-Kunsillieri kollha gewwa l-lukanda Corinthia Attard. Min se jattendi kien mitlub jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv mill-aktar fis possibli sabiex issir ir-registrazzjoni;

- Il-Pirjol tal-Kunvent tal-Karmnu talab li jkun hemm xi forma ta' ghajnuna ghal restawr ta' pittura li hemm fil-Bazilika. Minhabba li l-Kunsill ma jistghax jaghmel dawn it-tip ta' ghajnuniet, gie suggerit li l-kunvent jara l-possibilta` ta' fondi ta' l-EU ghal dan il-ghan;

- Dwar il-problemi li qed jigu kkawzati f'Old Wells Street minhabba l-attivitajiet f'Dar il-Mediterran, kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna l-ezitu ta' l-azzjoni li ser tiehu l-Pulizija dwar dan.

  Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li kien ra apparat jissejjah 'Mosquito' u li fl-Ingilterra jintuza sabiex igerrex gruppi ta' zghazagh milli jiltaqghu f'certu postijiet. Dan l-apparat jitfa' hoss high-pitched li jdejjaq biss liz-zghazagh li izda ma jaghmilx hsara. Kien hemm qbil li tingieb aktar informazzjoni dwar dan;

- Il-Kunsill applika biex jippartecipa fil-progett IMPACTS, progett dwar l-impatt tat-turizmu fuq l-ibliet u li r-rata ta' kofinanzjament hija ta' 50%-50%;

- Il-Kunsill ghandu wkoll quddiemu progett iehor 'Sustainable and Resilient Cities' izda l-Kunsill ghad m'ghandux il-budget tal-progett ghad-dispozizzjoni tieghu. Kien hemm qbil li l-Kunsill ikollu l-budget tal-progett qabel jiddeciedi;

- Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li kienu saru applikazzjonijiet ghal zewg Democracy Projects ohra ma' l-Ungerija u Cipru;

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***Civitas Award***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Belt hija wahda mill-kandidati ghall-award ghal trasport urban l-aktar nadif fl-Ewropa imniedi minn CIVITAS. Il-Belt Valletta giet ukoll rikonoxxuta bhala mill-ahjar fl-Ewropa biex taghmel differenza fil-benesseri tac-cittadin ewropew.

***Xoghol urgenti mehtieg fil-kunvent ta' l-Ursolini***
Is-Sindku informa li l-kunvent ta' l-Ursolini jehtieg xi tiswijiet urgenti fis-soqfa. Ghalkemm il-Kunsill ma jistghax jghin direttament, huwa talab kwotazzjoni tax-xoghol involut. Kien hemm qbil li jigi stabbilit jekk il-bini hux tal-Gvern u l-Kunsill jipprova jsib mezzi kif jista' jghin.

## MISTOQSIJIET

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

## AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

Il-Kunsill qabel li jsir festin zghir tal-Milied ghat-tfal ta' l-istitut ta' l-Ursolini u jiinghataw ukoll token zghir.

Il-Kunsill qabel ukoll li l-bandiera ghall-arblu li se jsir quddiem il-Bank Centrali flimkien ma' zewg bnadar ohra zghar ghall-ufficcju isiru mis-Sur Antoine Farrugia bi prezz ta' €730 il-bandiera kbira u €52 kull bandiera zghira. Dawn kienu l-irhas kwotazzjonijiet migbura.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-Progett ta' Peacock Garden wasal biex jitressaq quddiem id-DCC. Minhabba li l-MEPA qed titlob aktar informazzjoni dwar il-progett, il-Perit qed jissugerixxi li jsir mudell iehor aktar dettaljat u li ghalih qed jintalab hlas ta' €2,000. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill ghandu jmexxi b'dak li hemm diga u mhux jidhol f'aktar spejjez. Il-Vici Sindku qal li ghalkemm mudell iehor jista' jkun sabih u kreattiv, il-Kunsill ma jaffordjax dan. Huwa qal li l-MEPA se jibqghu jitolbu aktar informazzjoni u se tinbidel il-fizjonomija kollha tal-progett. Ghalhekk il-Kunsill qabel li jsiru l-emendi mehtiega izda ma jsirx mudell iehor.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-MEUSAC infurmaw lill-Kunsill li jista' japplika ghal fondi ERDF sabiex jigu rrangati l-latrini pubblici. Il-Kunsill qabel li jsiru d-disinji dettaljati u tintbaghat l-applikazzjoni.

## AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET

Ma kienx hemm awtorizzar ghall-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet.

**TMIEM**

Fil-5.00pm il-Kunsill aggorna ghal nhar il-Hamis, 25 ta' Novembru, 2010 fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku